0 # Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 1/2022

18 ta' Jannar, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera (b'mod virtwali) |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 12.3.1 (parkeġġi) in-numru tal-parkeġġi għandha tinqara tlieta u mhux tnejn u kkonferma li l-linji kienu ġew irranġati.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa ref punt 12.3.1 jekk issa li saru l-linji kienx kuntent ir-resident li kien wassal l-ilment. Is-Sindku kkonferma li issa r-resident ma kellux problemi.

1.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 12.3.7 huwa qal li wara li kien tkellem mal-President tal-Każin tal-Banda minħabba l-pjanti tal-planċier dan kien provdihom lill-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa kien għadda dawn l-istess pjanti lil Perit li minn naħa tiegħu kkonferma li huma suffiċċjenti sabiex jaħdem bihom.

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref (punt12.2.5) it-talba għal bozza ġdida għandha tkun fi Triq San Anton u mhux Misraħ Ħlantun.

1.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

1.2.1 Is-Sindku qal li dak inhar tal-laqgħa l-Kunsill kellu l-Press Conference minħabba r-roundabout ta' Triq il-Karwija. Is-Sindku spjega li dan il-proġett kien qanqal interess kbir minħabba li kienet l-ewwel roundabout f'Malta li qed tithaddem kompletament permezz tal-pannelli solari. Is-Sindku qal li min ħa ħsieb l-panelli fotovoltajiċi kien qed jissuġġerixxi li mal-panelli ssir charging point biex jiċċarġjaw ir-roti mutul il-ġurnata. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nsaqsu lil min ħa ħsieb il-panelli sabiex naraw x'tirrekjedi din iċ-charging point.

1.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsilliera li kienu ser jattendu għall-quddies ta' San Pawl nhar il-25 ta' Jannar għandhom jgħarrfu lill-Kunsill sabiex ikollhom post riservat.

1.2.3 Is-Sindku ressaq talba lill-Kunsill sabiex isiru l-parking bays fis-service road ta' Triq il-Kuċċard. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

1.2.4 Is-Sindku qal li kien irċieva diversi lmenti minħabba vultaġġ baxx ta' elettriku. Is-Sindku spjega li milli jidher il-problema ta' vultaġġ baxx kienet f'ċertu żoni speċjalment fi Triq San Ġorġ u Triq San Pawl. Is-Sindku spjega sabiex min ikollu problema għandu jgħaddi rapport lill-Enemalta u mbagħad jgħaddu n-notification number lill-Kunsill.

1.2.5 Is-Sindku qal li fi Triq San Pawl kien ġara nċident fejn inqalbet karozza. Huwa spjega kif kien ġara l-inċident u ssuġġerixxa li ssir double yellow line quddiem fejn hemm zewg djar li qeghdin 'il barra mill-linja tal-bini sabiex ma jsirx ipparkjar ta' karozzi minhabba li meta

jigri hekk dawn qed jidhlu fil-karreggjata tat-traffiku. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nistennew sa ma jiġi attwat Slow Streets qabel tittieħed deċiżjoni.

1.2.6 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kienet ħarġet skema minn Ambjent Malta sabiex il-Kunsill seta jagħmel proġett ambjentali. Huwa spjega u ta d-dettalji rigward din l-iskema u talab lill-Kunsill sabiex min ikollu xi suġġeriment għandu jgħaddihom lill-Kunsill.

1.2.7 Is-Sindku qal li kienet ħarġet ukoll skema sabiex isir titjib fil-*play equipment* li għandna fil-bandli. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-*murial u l-gradi* kienu jinħtieġu upgrading.

1.3 Mistoqsijiet għall-Kunsilliera

1.3.1 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kienu daħlulu xi lmenti rigward il-kennies. Il-Kunsill iddisukuta u qabel li għandna naraw x'inhi l-problema.

1.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla fakkret lill-Kunsilliera rigward l-*Blood Donation Unit* li kienet ser tkun Ħal Safi nhar il-Ħadd 23 ta' Jannar, 2022.

1.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li hija wkoll kienet irċiviet lmenti rigward il-problema tad-dawl baxx speċjalment fi Triq San Ġorg u Triq Sant Pawl.

1.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk l-arblu ta' ħdejn il-mitħna kienx lest biex terġa' tittellgħa l-bandiera tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien jinħtieġ li nġibu cherry picker sabiex jitqabbad il-ħabel mat-tarjola li kienet inqatgħet.

1.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li s-Sindku kien qallu li meta marru biex iwaħħlu t-tabella biex il-karozzi jnaqqsu l-veloċita' ma setgħux iwaħħluha minħabba li kien għaddej pajp tal-ilma taħt l-art pero' lil hinn aktar lejn Ħal Safi kien hemm grada u arblu tad-dawl fejn viċin setgħet teħel it-tabella. Is-Sindku kkonferma li kellu jmur jara l-post li kien qed jissuġġerixxi l-Kunsillier.

1.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk it-tappiera li kien hemm fi Triq San Pawl kinitx tranġat minn Infrastructure Malta. Is-Sindku kkonferma li l-kuntrattur kien ġie xi darbtejn jirranġaha.

1.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-ħadid mal-bjar tal-Ġnien Sir Alexander Ball kinux saru. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jiċċekkja meta kien ser jagħmilhom. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk mhux ser jagħmilhom inqabbdu lil xi ħadd ieħor.

1.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li bejn il-Ġnien ta' Ball u t'Amparell mal-bankina kien hemm ħafna weraq tas-siġar sabiex jinġabar.

1.3.9 Is-Sindku ressaq stima sabiex isiru l-marki madwar ir-roundabout li hemm fit-triq tal-Karwija. Is-Sindku qal li l-marki ser ikunu jikkonsistu b'ċirku tond fuq barra bi vleġeġ fuq ġewwa. Il-Kunsill iddiskuta u xtaqu li qabel ma l-Kunsll jawtorizza biex isiru x-xogħolijiet taż-żebgħa, għandu jibgħat għall-approvazzjoni tagħhom lil Transport Malta biex inkunu ċerti li mhix ser jinżebagħ iċ-ċirku kollu biż-żebgħa.

1.4 Rapporti
Approvazzjoni Budget għas-sena 2022

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-budget annwali għas-sena 2022 li kien ser jiġi diskuss waqt il-laqgħa pubblika. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

1.5 Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ressaq il-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv u ssuġġerixxa li tingħata l-ammont masismu tal-bonus. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-bonus. Dan ir-rapport għandu jitressaq għall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel jitħallas.

1.6 Performance Bonus Ħaddiema tal-Kunsill

Is-Sindku ressaq il-performance appraisal report tal-iskrivani u qal illi jħoss illi l-iskrivani kienu qegħdin jagħmlu ħilithom bil-kbir sabiex ix-xogħol tal-Kunsill jimxi b'mod effiċjenti u għalhekk issuġġerixxa illi għandhom jingħataw l-full performance bonus, dak ta' 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.7 Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-incoming mail lill-Kunsilliera u saret diskussjoni fuq diversi e-mails li rċieva l-Kunsill.

1.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

1.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-6.11pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 15 ta’ Frar, 2022 fl-4:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |